# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar, 2022.**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni Numru 1859/2000/3 SM**

***Visa Investments Limited* (C-10229)**

***v.***

***Blye Engineering Company Limited* (C-8256)**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mis-soċjetà konvenuta *Blye Engineering Company Limited* ["*Blye*"] biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tat-23 ta' Novembru 2020, wara li titħassar dik is-sentenza, għax tgħid illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u hija effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 (*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk fis-sentenza attakkata:

»13. *Visa* kienet fetħet kawża għad-danni minħabba inadempiment kuntrattwali marbut mat-tqegħid u l-konsenja min-naħa ta' *Blye* ta' sistema ta' arja kundizzjonata fi stabbiliment kummerċjali (l-azzjoni ewlenija). Għal dik l-azzjoni, *Blye* laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ta' *Visa* ma kinux mistħoqqa u l-qorti kien imissha tiċħadhom billi hija wettqet ix-xogħol appaltat kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u skont ma kien miftiehem. Ressqet ukoll kontro-talba.

»14. Fl-azzjoni rikonvenzjonali tagħha *Blye* talbet (i) il-ħlas tal-bilanċ min-naħa ta' *Visa* tal-appalt u xogħol imwettaq, (ii) il-kundanna u l-ħlas ta' penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u (iii) il-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tad-danni mġarrba minnha minħabba l-ħruġ kontra tagħha ta' mandati kawtelatorji b'mod abbużiv, fieragħ u vessatorju min-naħa ta' *Visa* għall-finijiet tal-artikolu 836(9) tal-istess Kodiċi.

»15. b'degriet mogħti waqt is-smigħ tas-17 ta' Novembru 2011 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-ewwel degriet"), l-ewwel qorti ħassret u ikkanċellat l-atti tal-kawża billi "… jidher li ilu ma jsir progress f'din il-kawża mit-12 ta' Frar 2008. Perjodu ta' tliet snin skorruti huwa abbundantement suffiċjenti li wieħed jikkonkludi li l-partijiet m'għandhomx interess f'din il-kawża. Għaldaqstant tordna li din il-kawża tiġi kanċellata". F'dak l-istadju, il-kawża kienet għar-rapport tal-perit tekniku li kien inħatar waqt is-smigħ tas-6 ta' Diċembru 2000.

»16. B'degriet tas-6 ta' Diċembru 2011, fuq talba li saritilha minn *Blye* b'rikors imressaq fit-2 ta' Diċembru 2011, l-ewwel qorti qiegħdet għas-smigħ mill-ġdid l-azzjoni rikonvenzjonali ta' *Blye*, u waqt is-smigħ tal-21 ta' Marzu 2012 ordnat li "f'dan l-istadju tawtorizza lill-perit tekniku jirrelata limitatament għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta".

»17. Ġara li, fuq talba li saritilha minn *Visa* b'rikors tagħha tas-6 ta' Ġunju 2012, l-ewwel qorti ħassret *contrario imperio*, b'degriet mogħti fit-8 ta' Ġunju 2012, l-ewwel degriet li bih kienet reġgħet qiegħdet l-azzjoni rikonvenzjonali għas-smigħ. Dan tennietu b'degriet tal-25 ta' Lulju 2012 wara talba li saritilha minn *Blye* b'rikors tagħha tat-12 ta' Ġunju 2012. Madankollu, b'degriet mogħti waqt is-smigħ tat-18 ta' Ottubru 2012 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-tieni degriet"), l-ewwel qorti ordnat kif ġej: "*In vista* tal-iżviluppi kif imressqa minn Dr Louis Vella l-qorti tirrevoka d-digriet tagħha tal-25 ta' Lulju 2012, u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawża". Fis-sentenza appellata, l-ewwel qorti għamlitha ċara li b'dak it-tieni degriet hija kienet "ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawża, limitatament għall-kontro-talba sollevata mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti".

»18. Kif ingħad, bis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa minn *Visa*, laqgħet it-talbiet rikonvenzjonali kollha ta' *Blye*. *Visa* ħassitha aggravata kemm minn dik is-sentenza u kif ukoll mill-ewwel u mit-tieni degrieti;«

3. Is-soċjetà attriċi ["*Visa*"] appellat mis-sentenza tal-ewwel qorti b'rikors tat-28 t'Ottubru 2014 li għalih *Blye* wieġbet, b'appell inċidentali, fl-10 ta' Novembru 2014. Fost l-aggravji li tressqu minn *Visa* fl-appell ewlieni, kien hemm dan l-aggravju li ġej:

»12.3. … … … dak kollu li ġie permess li jsir mill-ewwel onorabbli qorti wara li ingħata d-dikriet tal-kanċellament tal-kawża huwa irritu u null għas-segwenti raġunijiet:

»a. Skont sub-artikolu (3) tal-artikolu 199 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwa l-attur biss li jista' jitlob li kawża tiġi mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi u għalhekk riappuntata wara ordni ta' tħassir tal-kawża minn fuq il-lista. Sub-artikolu 3 tal-artikolu 199 jipprovdi testwalment "Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, jekk l-attur ikun irid, fuq l-istess atti, il-kawża tiġi mill-ġdid imqiegħda fuq il-lista, mismugħa u maqtugħa, għandu b'rikors …". Dan ifisser li l-kawża ma setgħet qatt terġa titpoġġa fuq il-lista għax it-talba għar-riappuntant la saret mill-attur u lanqas saret fiż-żmien previst fl-imsemmi sub-artikolu 3.

»b. It-talba rikonvenzjonali ma tistax treġġi waħedha u ċjoè mingħajr l-esistenza proċedurali tat-talba oriġinali. Huwa risaput u aċċettat fil-ġurisprudenza nostrali li r-rikonvenzjoni sabiex treġġi tinħtieġ il-komunanza fl-oriġini taż-żewġ kawżi. Jekk tiġi eliminata u imħassra t-talba l-kontro-talba ma tistax tissussisti. *Di più* r-rikonvenzjoni tiħtieġ ukoll l-eliminazzjoni reċiproka taż-żewġ domandi u għalhekk jekk waħda mid-domandi ma' għadhiex teżisti d-domanda l-oħra ossija dik rikonvenzjonali ma' tistax tissussisti … … … Meta l-esistenza tal-attur u t-talbiet tiegħu ġew eliminati kawża tal-kanċellament tal-kawża jiġu eliminati *per necessità* l-bażi, il-fondament u l-esistenza tar-rikonvenzjoni. Huwa minnu li l-att taċ-ċitazzjoni u l-kontro-talba jippromwovu żewġ azzjonijiet distinti li għandhom esistenza indipendenti u awtonoma, tant li huwa paċifiku li kontro-talba tista' tibqa' tiġi kunsidrata u deċiża *nonostante* talba attriċi tiġi ċeduta. Iżda meta ċ-ċitazzjoni u t-talbiet hemm kontenuti jiġu kanċellati u mneħħija mill-lista tas-smigħ il-kontro-talba ma' tistax tibqa' treġġi waħedha għax, kanċellata u eliminata ċ-ċitazzjoni mill-lista tas-smigħ, hija inevitabbli l-eliminazzjoni tal-kontro-talba naxxenti minn u konsegwenti għaċ-ċitazzjoni. Kif jitqal fis-sentenza tal-onorabbli Qorti tal-Appell mogħtija fit-13 ta' Ottubru 1998 fil-kawża fl-ismijiet Henry Ellul Sullivan *et noe v.* Joseph Dimech, "il-kanċellament tal-kawża hija miżura proċedurali ta' dixxipllina li *in ultima analisi* tippenalizza liż-żewġ partijiet għax f'dan il-każ il-konvenut ma jiġix illiberat mit-talbiet ta' l-attur". Is-soċjetà konvenuta jew l-avukat tagħha kellhom kull opportunità li jidhru huma u jitolbu l-liberazzjoni. Ħaġa li ma għamlux għax l-istess bħas-soċjetà attriċi jew l-avukat tagħha kienu konsapevoli li l-kawża kienet qiegħda tiġi regolarment u kostantement differita għar-rapport tal-perit maħtur mill-qorti.«

4. *Blye* wieġbet hekk għal dan l-aggravju:

»4. L-aggravju tal-appellanti, dwar kif l-ewwel qorti ordnat li l-kawża tit-kompla unikament fuq il-kontro-talba, huwa wkoll frivolu u vesstatorju, l-ewwelnett għax mhux minnu dak li qed tallega l-appellanti, li bir-rikors tagħha tat-2 ta' Diċembru 2011 l-esponenti talbet ir-riappuntament tal-kawża. Il-verità hi li, wara li l-appellanti abbandunat il-kawża tagħha, l-esponenti talbet it-tkomplija tal-kontro-talba *ai termini* tal-art. 401 tal-Kap. 12. Għalhekk l-ewwel qorti kienet korretta kemm meta bid-digriet tas-6 ta' Diċembru 2011 laqgħet din it-talba tal-esponenti, kif ukoll meta kkonfermat l-istess digriet bid-digriet tat-18 t'Ottubru 2012. Dwar dak li tallega l-appellanti, li meta kawża tiġi kanċellata l-konvenut ma jiġix liberat, l-esponenti tissottometti li din is-sottomissjoni hija skorretta għaliex meta kawża tibqa' kanċellata definittivament, bħall-każ odjern, il-konvenut awto-

matikament, bħal f'kawża ċeduta, jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u r-reġistratur jintaxxa l-kawża kanċellata bħal waħda ċeduta.«

5. Fl-appell inċidentali *Blye* fost affarijiet oħra qalet hekk:

»11. L-ewwel aggravju tal-esponenti jirrigwarda dak li intqal mill-ewwel qorti fejn bi żvista jingħad li b'rikors preżentat mill-esponenti fit-2 ta' Diċembru 2011 intalbet "li l-kawża terġa tiġi riappuntata skont il-liġi". … … … l-esponenti bir-rikors tagħha tat-2 ta' Diċembru 2011 ma talbitx ir-riappuntament tal-kawża iżda biss it-tkomplija tal-kontro-talba *ai termini* tal-art. 401 tal-Kap.12, kif inhu dritt tagħha. Dan joħroġ ukoll biċ-ċar mid-digriet sussegwenti tat-18 t'Ottubru 2012 fejn l-ewwel qorti "ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawża, limitatament għall-kontro-talba sollevata mis-soċjetà konvenuta".

6. Fis-sentenza attakkata din il-qorti ddeċidiet hekk:

»Tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 t'Ottubru 2014, b'dan illi kemm l-azzjoni ewlenija ta' *Visa Investments Limited* u kif ukoll dik rikonvenzjonali ta' *Blye Engineering Co. Limited* għandhom jitqiesu milquta bid-degriet tat-tħassir tal-kawża mogħti minn dik il-qorti fis-17 ta' Novembru 2011, u tordna għalhekk li kull parti terfa' l-ispejjeż tagħha fiż-żewġ istanzi.«

7. Ir-raġunijiet għal din il-konklużjoni tfissru hekk fis-sentenza attakkata:

»19. Qabel ma l-qorti tgħaddi biex tqis l-aggravji ta' *Visa*, jidhrilha li huwa meħtieġ li tqis il-kwestjoni proċedurali ewlenija tal-effetti tal-ewwel degriet. Għalkemm l-ebda waħda mill-partijiet ma qajmet dan il-punt (la fl-ewwel istanza u lanqas f'din), din il-qorti hija tal-fehma li dik il-kwestjoni ma tistax ma tqishiex għaliex hija waħda proċedurali ta' ordni pubbliku. Tgħid ukoll li din iċ-ċirkostanza ikkostatatha hija u tifli l-atti tal-kawża wara li kienet saret l-ewwel trattazzjoni tal-appell. Kien għalhekk li din il-qorti dehrilha li kellha tisma' mill-ġdid lill-avukati tal-partijiet.

»20. Kif ingħad qabel, bis-saħħa tal-ewwel degriet l-ewwel qorti reġgħet qiegħdet għas-smigħ l-azzjoni rikonvenzjonali ta' *Blye* wara li kienet ħassret il-kawża minn fuq il-lista. Naturalment, minħabba li l-kawża kienet magħmula mill-azzjoni ewlenija ta' *Visa* u mill-azzjoni rikonvenzjonali ta' *Blye*, id-degriet tat-tħassar tal-kawża laqat liż-żewġ azzjonijiet. Għall-finijiet ta' proċedura, u kif ilha tisħaq *Blye*, l-azzjoni rikonvenzjonali tagħha titqies għal rasha bħallikieku kienet azzjoni mibdija minnha u lil hinn mill-azzjoni ewlenija ta' *Visa*. Kien għalhekk li *Blye* ressqet it-talba lill-ewwel qorti biex terġa' tqiegħed l-azzjoni rikonvenzjonali tagħha fuq il-lista tas-smigħ, ladarba *Visa* ma kinitx ressqet talba bħal dik lil dik il-qorti biex terġa' tqiegħed fuq il-lista l-kawża ewlenija. Fi kliem ieħor, wara li l-ewwel qorti, tajjeb jew ħażin, kienet ħassret il-kawża, kemm *Visa* u kif ukoll *Blye* kellhom żmien li fih setgħu jagħżlu li jitolbu lil dik il-qorti terġa' tqiegħed il-kawża mill-ġdid għas-smigħ. Fil-fehma tal-qorti, u bi tħaddim tar-regoli proċedurali partikolari għall-istitut tar-rikonvenzjoni, kemm *Visa* u kif ukoll *Blye* kellhom l-istess żmien biex iwettqu tali għażla.

»21. Filwaqt li huwa minnu li *Blye* ressqet talba lill-ewwel qorti biex l-azzjoni rikonvenzjonali tagħha terġa' titqiegħed għas-smigħ, dan sar ħmistax-il jum wara d-degriet li bih l-ewwel qorti kienet ħassret il-kawża minn fuq il-listi tagħha. Dan ifisser li saż-żmien mogħti mil-liġi, lanqas *Blye* ma kienet għamlet l-għażla tagħha u għalhekk ir-rikors li ressqet fit-2 ta' Diċembru 2011 ma kienx tressaq f'waqtu.

»22. Waqt it-trattazzjoni ta' dan il-punt quddiem din il-qorti, l-għaref difensur ta' *Blye* seħaq li r-rikors kien tressaq fiż-żmien stabilit mil-liġi fiż-żmien li sar. Kemm hu hekk, huwa ġibed l-attenzjoni tal-qorti li d-dispos-izzjonijiet tal-artikolu 199(3) kienu nbidlu bis-saħħa ta' Att li għadda mill-Parlament fl-2007, u għalhekk żmien qabel ma ressqet ir-rikors imsemmi.

»23. Il-qorti tqis li dak li qal l-avukat ta' *Blye* mhux għal kollox minnu. Huwa minnu li, fl-2007, il-Parlament kien għadda Att li kien jemenda l-Kodiċi Ċivili li, madankollu, kellu wkoll artikoli li jibdlu l-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fost l-artikoli milquta f'dan il-Kodiċi, kien hemm sewwasew wieħed li, fost ħwejjeġ oħra, tawwal iż-żmien lill-parti milquta b'degriet ta' tħassir tal-kawża taħt l-artikolu 199 tal-Kodiċi minn għaxart ijiem għal tliet (3) xhur. Kien fuq is-saħħa ta' dik l-emenda li d-difensur ta' *Blye* deherlu li r-rikors imressaq mill-patroċinata tiegħu fit-2 ta' Diċembru 2011 kien tressaq f'waqtu u li għalhekk l-ewwel degriet kien ingħata sewwa.

»24. Il-qorti tagħraf li dak li jiswa f'Att tal-Parlament mhuwiex daqstant meta jkun għadda mill-Kamra tad-Deputati u jikseb il-firma tal-President tar-Repubblika, daqskemm meta jkun daħal fis-seħħ. Fil-każ tal-imsemmi Att tal-2007, il-bidu fis-seħħ tal-bidliet li saru bis-saħħa tiegħu ma kienx awtomatiku mad-data tal-kunsens presidenzjali. Kemm hu hekk, l-artikolu 1(2) tal-istess Att kien jipprovdi li l-Att kellu jibda jseħħ minn data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista b'avviż fil-Gażżetta jistabilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti. Hekk tassew ġara u bosta mid-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att daħlu fis-seħħ b'Avviż li nħareġ fil-Gażżetta tal-Gvern f'Awwissu tal-2007 stess. Madankollu, l-artikolu 28 tal-Att (jiġifieri l-artikolu li bidel id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 199 tal-Kap. 12) ma kienx wieħed minnhom. Kien biss fl-2018, li b'Avviż ieħor fil-Gażżetta tal-Gvern l-artikolu 28 (u wkoll mhux kollu kemm hu) daħal fis-seħħ b'effett mill-5 ta' Marzu 2018. Dan l-aħħar Avviż fih ukoll żieda li l-qorti tqis li hija rilevanti ħafna għall-kwestjoni li għandha quddiemha llum. Dak l-Avviż jgħid: "… id-dħul fis-seħħ tal-imsemmija disposizzjonijiet tal-paragrafu (*b*) ma jtawwalx xi terminu li jkun diġà skada".

»25. Għal din il-qorti, dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li meta *Blye* ressqet it-talba tagħha lill-ewwel qorti biex titlobha tqiegħed l-azzjoni rikonvenz-jonali tagħha mill-ġdid fuq il-lista tas-smigħ, dan sar wara ż-żmien li l-liġi fis-seħħ dak iż-żmien kienet tagħtiha biex tressaq talba bħal din. Dan ifisser ukoll li l-ewwel degriet ma jiswiex u ma seta' qatt jagħti effikaċja lil att li, minnu nnifsu, ma jiswiex. Ħasra li lanqas l-ewwel qorti ma ntebħet b'dan kollu, għaliex kien jevita ħafna telf ta' żmien u spejjeż li saru għalxejn u għal tul ta' snin.

»26. Fid-dawl ta' din iċ-ċirkustanza, kulma sar fil-kawża wara t-28 ta' Novembru 2011 ma kienx jiswa. Il-qorti ma jifdlilha l-ebda għażla ħlief li tħassar kulma sar minn dik id-data 'l quddiem.

»27. Għalhekk jiġi li, ladarba s-sentenza appellata se titħassar, jitħassru wkoll l-appell fil-mertu ta' *Visa* u l-appell inċidentali ta' *Blye*.«

8. *Blye* qegħdha issa tfittex li tħassar is-sentenza attakkata u li l-appell jinstema' mill-ġdid, għax jidhrilha illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u hija effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Fissret ir-raġunijiet għal din it-talba hekk:

> »13. Il-bażi ta' dan ir-rikors huwa s-segwenti:
>
> »(i) … … …
>
> »(ii) … … … il-Qorti tal-Appell żbaljat meta kkunsidrat li r-rikors ta' *Blye* kien tressaq a bażi tal-artikolu 199(3) tal-Kap. 12, u dan għaliex bħala fatt joħroġ mill-atti proċesswali illi r-rikors kien intavolat a bażi tal-artikolu 401 tal-istess Kapitolu.
>
> »(iii) … … … il-partijiet (*Visa* u *Blye*) kif ukoll l-ewwel qorti kienu lkoll fehmu li fil-fatt ir-rikors ta' *Blye* ma kienx wieħed intavolat *ai termini* tal-artikolu 199(3) tal-Kap. 12.
>
> »(iv) Biex l-argument tas-soċjetà *Blye* jiġi spjegat aħjar trid issir referenza għad-digriet mogħti waqt is-smigħ tas-17 ta' Novembru 2011, fejn permezz tiegħu l-ewwel qorti ħassret u ikkanċellat l-atti tal-kawża billi "jidher li ilu ma jsir progress f'din il-kawża mit-12 ta' Frar 2008. Perjodu ta' tliet snin skorruti huwa abbundantement suffiċjenti li wieħed jikkonkludi li l-partijiet m'għandhomx interess f'din il-kawża. Għaldaqstant tordna li din il-kawża tiġi kanċellata".
>
> »Jirriżulta illi sussegwentament, fit-2 ta' Diċembru 2011, *Blye* intavolat rikors fejn talbet lill-ewwel qorti sabiex, "*ai termini* tal-art. 401 tal-istess Kap. 12" jogħġobha tiffissa data u ħin għall-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-imsemmija kontro-talba.
>
> »L-ewwel paragrafu tal-istess rikors ippreżentat minn *Blye* fit-2 ta' Diċembru 2011 jingħad is-segwenti:
>
> > »"Il-kawża fl-ismijiet premessi ġiet kanċellata minn fuq il-lista fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2011 għar-raġunijiet indikati fil-verbal relattiv u minn riċerka rriżulta li s-soċjetà attriċi naqset li tippreżenta, fi żmien għaxart ijiem, rikors għar-riappuntament tal-kawża *ai termini* tal-art. 199 (3) tal-Kap. 12."
>
> »(v) Is-soċjetà *Blye* fit-tieni paragrafu tal-istess rikors tgħid:
>
> > »"L-esponenti kienet ipproponiet kontro-talba fil-kawża in kwistjoni u hija għandha interess li din il-kontro-talba tkompli tinstema u tiġi deċiża skond il-liġi minkejja l-kanċellament tal-kawża."
>
> »(vi) L-artikolu 401 tal-Kap 12 jaqra:
>
> > »"Jekk, f'kawża li fiha l-konvenut jipproponi l-kontro-talba, l-attur jirrinunzja b'xi mod li jkun għall-atti, il-konvenut jista' dejjem jitlob li tiġi deċiża l-kontro-talba miġjuba 'l quddiem skont il-liġi."
>
> »(vii) Għalhekk jirriżulta, bl-aktar mod ċar, illi l-intendiment tas-soċjetà *Blye* ma kienx dak li titlob ir-riappuntament tal-kawża *ai termini* tal-artikolu 199(3) (li għalih għamlet ukoll referenza fl-istess rikors), iżda li titlob il-

kontinwazzjoni tas-smigħ tal-kontro-talba *ai termini* tal-artikolu 401 tal-Kap 12.

»(viii) Permezz ta' digriet tas-6 ta' Diċembru 2011, l-ewwel qorti qiegħdet għas-smigħ mill-ġdid l-azzjoni rikonvenzjonali ta' *Blye*, u waqt is-smigħ tal-21 ta' Marzu 2012 awtorizzat lill-perit tekniku "jirrelata limitatament għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta".

»(ix) Fis-6 ta' Ġunju 2012, *Visa* ippreżentat rikors fejn stqarret illi

> »"skont ma jinsab provdut f'sub-artikolu (3) tal-artikolu 199(3) tal-Kap 12, huwa l-attur biss li jista' jitlob li l-kawża tiġi mill-ġdid mqiegħda fuq il-lista wara ordni ta' tħassir tal-kawża minn fuq il-lista."
>
> »"Kieku l-leġislatur ried li kawża setgħet tiġi mill-ġdid imqiegħda fuq il-lista wara talba ta' xi ħadd ieħor apparti l-attur, kien jgħid dan speċifikatament. Il-fatt li l-leġislatur ma jgħidx dan, anzi huwa speċifiku illi l-attur jekk irid jista' jressaq tali talba, jindika li ħadd għajr l-attur ma jista' jressaq talba bħal din."

»*Visa* mbagħad talbet lill-ewwel qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha li permezz tiegħu irriappuntat il-kawża;

»(x) Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ġunju 2012 il-qorti laqgħet it-talba u rrevokat id-digriet preċedent tagħha *contrario imperio*.

»(xi) Fil-11 ta' Ġunju 2012 *Blye* intavolat rikors li permezz tiegħu spjegat li hi ma kienet qatt notifikata bir-rikors ta' *Visa* data 6 ta' Ġunju 2012 u kkjarifikat illi dak l-istess rikors kien intiż biss sabiex jiżgwida lill-qorti għaliex, "kuntrarjament għal dak dikjarat fir-rikors tas-soċjetà attriċi tas-6 ta' Ġunju 2012, l-esponenti fir-rikors tagħha mhux veru li kienet talbet ir-riappuntament tal-kawża wara l-kanċellament, a tenur tal-art 199(3) tal-Kap 12, ħaġa li setgħet issir biss mis-soċjetà attriċi, iżda kienet talbet, speċifikatament *ai termini* tal-art 401 tal-Kap 12, li "din l-onorabbli qorti jogħġobha tiffissa data u ħin għall-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-imsemmija kontro-talba".

»14. Dan kien ampjament spjegat fit-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar 2020, fejn l-avukat sottoskritt għamel referenza għal dawn il-paġni kollha relevanti fil-proċess, iżda l-Qorti tal-Appell injorat dan il-punti kollha u kkonkludiet biss fuq is-sottomissjoni sussidjarja tal-Avviż Legali 215 tal-2007 li daħal fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 69 tal-2018 bħal li kieku dawn ir-rikorsi u kjarifiki intavolati minn *Blye* dwar it-talba għar-riappuntament tagħha fit-2011 u 2012 ma jinstabux fil-proċess.

»15. Għalhekk jirriżulta li kien hemm żball ta' fatt meta l-Qorti tal-Appell qieset li r-rikors ta' *Blye* għar-riappuntament tressaq a bażi tal-artikolu 199(3) tal-Kap. 12, wara li kien hemm diversi spjegazzjonijiet li fuqhom anke iddeċidiet l-ewwel qorti li permezz tagħhom huwa kkonfermat li fil-fatt it-talba kienet saret *ai termini* tal-artikolu 401 tal-Kap 12, u mhux tal-artikolu 199(3) tal-istess Kapitolu.

»16. Jidher ċar fil-fatt li *Visa*, *Blye* kif ukoll l-ewwel qorti kollha kienu fi qbil dwar il-fatt illi r-rikors ta' *Blye* datat 16 ta' Diċembru 2011 li permezz tiegħu talab il-kontinwament tal-kawża ma setax jitressaq (u fil-fatt ma tressaqx) a bażi tal-artikolu 199(3). Dan tikkonfermah *Visa* stess fir-risposta li intavolat fis-16 ta' Lulju 2012 għal-rikors li ressqet *Blye*, fejn *Visa* stqarret:

> »"1. hija totalment u assolutament mingħajr ebda bażi l-allegazzjoni u stqarrija tas-soċjetà *Blye Enginerring Co Ltd* li r-rikors tas-soċjetà esponenti *Visa Investments Limited* huwa bbażat fuq tgħawwiġ tal-verità.

Is-soċjetà esponenti *Visa Investments Ltd* qatt ma stqarret li s-soċjetà *Blye Enginerring Co Ltd* kienet talbet għar-riappuntament tal-kawża fl-ismijiet premessi għat-tenur u għab-bażi tal-artikolu 199(3) tal-Kap 12. Stqarret u ppremettiet li wara kawża li tkun ġiet kkanċellata, r-riappunta-ment jista' jintalab biss mis-soċjetà attriċi, u allura mis-soċjetà *Visa Investments Ltd* u konsegwentement t-talba għar-riappuntament imressqa mis-soċjetà *Blye Enginerring Co Ltd* kienet irritwali u insostenibbli

»… … …

»3.2 Wara kanċellament tal-kawża, ħaġa li ċertament la hija u lanqas tista tkun ekwiparabbli jew komparabbli ma' rinunzja u ċessjoni tal-kawża, hija s-soċjetà attriċi li tista' titlob riappuntament. Għalhekk id-disposizzjonijiet applikabbli f'sitwazzjoni ta' kanċellament ta' kawża – kontrapost ma sitwazzjonijiet oħra kollha inkluż dik ta' ċessjoni prospettata mill-artikolu 401 tal-Kap 12 – ma jippermettux li r-riappuntament jintalab minn ħaddieħor ħlief l-attur."

»17. Fir-rikors tal-appell ta' *Visa* … hi tkompli tikkonferma illi fil-fatt:

»"Skont sub-artikolu (3) tal-artikolu 199 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwa l-attur biss li jista jitlob li kawża tiġi mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi u għalhekk riappuntata wara ordni ta' tħassir tal-kawża minn fuq il-lista. Sub-artikolu 3 tal-artikolu 199 jipprovdi testwalment 'Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, jekk l-attur ikun irid li, fuq l-istess atti, il-kawża tiġi mill-ġdid mqiegħeda fuq il-lista, mismugħa u maqtgħa, għandu b'rikors …'. Dan ifisser li l-kawża ma setgħet qatt terġa' titpoġġa fuq il-lista għax it-talba għar-riappuntament la saret mill-attur u lanqas saret fiż-żmien previst fl-imsemmi sub-artikolu 3."

»18. Lil hinn mal-argument li qed iġġib *Visa* f'din l-istess risposta u fir-rikors tal-appell tagħha surreferit …, jidher ċar li, kif diġà ingħad, il-partijiet kollha, inkluż l-ewwel qorti, u fuq kollox anke *Visa*, għarfu li r-rikors għall-kontinwazzjoni ta' *Blye* ma tressaqx taħt l-artikolu 199(3) kif fil-fatt stqarret erroneament il-Qorti tal-Appell fis-sentenza deċiża fit-23 ta' Novembru 2020.

»19. Dak li jidher li għamlet mill-atti proċesswali s-soċjetà *Blye* kien illi meta ngħata d-digriet tal-kanċellament *ai termini* tal-artikolu 199 fis-17 ta' Novembru 2011, hi stenniet li jgħaddi t-terminu ta' għaxart ijiem, u hekk kif dan it-terminu skorra, la darba l-kawża oriġinali intavolata minn *Visa* kienet ġiet ikkanċellata, intavolat rikors *ai termini* tal-artikolu 401 sabiex il-qorti tordna l-kontinwament tal-kontro-talba. Dak hu li għamlet is-soċjetà konvenuta.

»20. L-argument li tagħmel *Visa* hu li l-artikolu 401 huwa applikabbli biss meta l-attur iċedi kawża, u mhux ukoll meta l-kawża tiġi ikkanċellata minn fuq il-lista *ai termini* tal-artikolu 199 tal-Kap. 12. Dan l-argument huwa wieħed żbaljat u anke perikoluż, għaliex jagħti lok sabiex l-attriċi rikonvenzjonata tista' tevita li tiġi deċiża rikonvenzjoni *stante* illi l-konvenuta rikonvenzjonanta la tista titlob ir-riappuntament *ai termini* tal-artikolu 199(3) u l-anqas ma tista titlob il-kontinwazzjoni tal-*kawża ai termini* tal-artikolu 401.

»21. Dn naturalment ma jkunx ġust fil-konfront tal-intimata rikonvenzjon-anta. Fir-rigward ta' dak li għandu x'jaqsam mal-argument ta' *Visa*, ossija li artikolu 401 tal-Kap. 12 ma japplikax f'każ ta' kanċellament, wieħed irid jagħmel referenza għad-diversi sentenzi tal-qrati li irretenew illi, kanċella-ment, bħal rinunzja, iġib l-istess effett ta' deserzjoni skond il-liġi. Dan stqarritu l-qorti fis-sentenza deċiża fl-ismijiet Joseph Gauci *et v.* Mariella

Sammut li kienet sentenza preliminari dwar jekk jistgħux l-atturi wara kanċellament jistitwixxu proċeduri identiċi mingħajr ma jħallsu l-ispejjeż a tenur tal-artikolu 907, però dwar l-effetti tal-kanċellament a tenur tal-artikolu 199 tal-Kap. 12 il-qorti tgħid:

»"Jirriżulta lil din il-qorti li l-kawża fl-istess ismijiet Joseph Gauci *et v.* Mariella Sammut, rik. nru 436/2016 ma kenitx ġiet rinunzjata *ai termini* tal-artikolu 906(1) tal-Kap. 12 iżda kanċellata *ai termini* tal-artikolu 199(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa minnu li kemm-il darba ġie ritenut minn dawn il-qrati li kanċellament, bħar-rinunzja, iġib l-istess effett ta' deżerzjoni skont il-liġi kif *del resto* jiddisponi b'mod ċar l-artiklu 907(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Tkompli tispjega l-qorti mbagħad kif-

»16. Fi ftit kliem, għalkemm iċ-ċessjoni ta' kawża ġġib magħha l-effetti tad-deżerzjoni, id-deżerzjoni fiha nnifisha b'konsegwenza ta' kanċellament ta' kawża taħt artikolu 199(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġġibx magħha l-effetti tal-artikolu 907(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta inkwantu jirrigwarda l-ħlas imsemmi f'dan is-subartiklu. Li hemm komuni bejn artikoli 907 u 199 huwa l-fatt li it-tnejn iwasslu għad-deżerzjoni fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 963(6) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens li, kif wara kollox qalet is-soċjeta *Visa* stess fir-rikors tal-appell, il-kanċellament tal-kawża jġib fit-tmien il-proċediment iżda mhux il-jedd għal azzjoni."

»22. Stabbilit għalhekk illi:

»• l-artikolu 199(3) tal-Kap 12 japplika biss għall-attriċi u mhux għall-konvenuta; u

»• il-kanċellament għandu l-istess effetti tar-rinunzja

»isegwi l-argument illi s-soċjetà *Blye* kellha kull dritt u kull interess li titlob il-kontinwazzjoni tal-kawża *ai termini* tal-artikolu 401 tal-Kap 12.

»23. Għalhekk ġaladarba l-ewwel qorti kienet semgħet it-trattazzjoni u ordnat ir-riappuntament tal-kontro-talba a bażi tal-artikolu 401, huwa dan l-istess artikolu li għandu japplika sabiex il-qorti ordnat it-tkomplija tal-kawża.«

9. L-art. 401 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jirregola d-dritt ta' konvenut illi jkun ressaq rikonvenzjoni li jitlob li tiġi deċiża l-kontro-talba tiegħu wkoll jekk l-attur ikun irrinunzja għall-atti tal-kawża; ma jirregolax it-terminu li fih jista' jitlob li kawża mħassra minn fuq il-lista terġa' titqiegħed mill-ġdid fuq il-lista sabiex tinstema' u tinqata': dak it-terminu huwa regolat bl-art. 199(3) tal-istess Kodiċi. Il-kwistjoni ma hijiex jekk konvenut jistax jitlob li tkompli tinstema' u tinqata' l-kontro-talba jekk l-azzjoni ewlenija tkun marret deżerta; il-kwistjoni hi sa meta setgħet issir dik it-talba. Billi s-soċjetà konvenuta fir-rikors tagħha għar-riappuntament tal-kawża tgħid illi

t-talba qiegħda tagħmilha taħt l-art. 401 ma jfissirx b'hekk illi ż-żmien li fiha talba bħal dik tista' ssir ma għadux jorbot, u l-fatt li l-attriċi waqgħet fl-istess żball li waqgħet fih il-konvenuta ma jibdel xejn minn dan. Wara kollox *Blye* stess impliċitament tistqarr illi t-talba kellha ssir fiż-żmien mogħti mill-art. 199(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili meta ipprovat targumenta[1] – għalkemm bla suċċess – illi bis-saħħa tal-emendi magħmula bl-art. 28 tal-Att VIII tal-2007 it-terminu żdied għal tliet xhur u li għalhekk it-talba tagħha saret fiż-żmien li tagħti l-liġi.

10. Huwa wisq ovvju għalhekk illi l-qorti fis-sentenza attakkata la applikat il-liġi l-ħażina u lanqas għamlet xi żball ta' fatt. L-argumenti ta' *Blye* huma għalkollox fiergħa.

11. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell.

12. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom is-soċjetà konvenuta, u, billi fil-fehma tal-qorti r-rikors kien wieħed fieragħ, wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tik-kundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' ħames mitt euro (€500).

Giannino Caruana Demajo
President

Anthony Ellul
Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Deputat Reġistratur
da

[1] Ara para. 22 tas-sentenza attakkata.